MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1134/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**SANDRO DEGABRIELE**
**STEFAN DEGABRIELE**
**CONRAD MIZZI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sandro Degabriele detentur tal-Karta tal-Identita` numru 168979 (M), Stefan Degabriele detentur tal-Karta tal-Identita` numru 423182 (M) u Conrad Mizzi detentur tal-Karta tal-Identita` numru 466984 (M).

**Akkuzati talli:**

Mill-fabbrika nru. RL22 tas-socjeta Blye Engineering Co. Ltd., gewwa l-Qasam Industrijali ta` Rikasoli, limiti tal-Kalkara, fil-25 ta` Dicembru, 2005, ghal habta tat-tlieta u kwart ta` filghaxija (15:15hrs), u/jew fil-jiem ta` qabel:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta` serq urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-valur, li jiccedi l-elf Lira Maltin (LM1,000), u bil-mezz;

2. Ikkommettew serq ta` ghodod, fosthom CO2 welding set, liema serq huwa aggravat bil-valuri li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (LM1,000) u bil-mezz ghad-dannu tas-socjeta Blye Enginerring Co. Ltd.;

3. Bi hsara tas-sid/ien jew tad-detentur/i, ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta` haddiehor ai termini tal-Artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Sandro Degabriele u Conrad Mizzi, wahedhom, akkuzati wkoll talli:

4. Fil-Qasam Industrijali ta` Rikasoli fl-24 ta` Dicembru, 2005, wara nofsinhar, irmew, tefghu u/jew xort'ohra ddepozitaw f'post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghadu d-dritt jew jista` jidhol fih minghajr hlas, hallew, xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista` twassal ghat-tkerrih biz-zibel u skart ta` tali postijiet;

5. Sandro Degabriele, wahdu, akkuzat ukoll talli fil-Qasam Industrijali ta` Rikasoli, limiti tal-Kalkara, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta` Dicembru, 2005, wara nofsinhar, u/jew fix-xhur ta` qabel saq vann Marina, numru tar-registrazzjoni IAJ 034, minghajr ma kien kopert

b’assikurazzjoni kontra r-riskji ta` terzi persuni u b’licenzja tal-vettura mhux imgedda.

Iktar, Sandro Degabriele, wahdu, akkuzat ukoll talli fil-Qasam Industrijali ta` Rikasoli, limiti tal-Kalkara, fil-25 ta` Dicembru, 2005, ghal habta tat-tlieta u kwart ta` filghaxija (15:15hrs) u/jew fil-jiem ta` qabel;

6. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u, iktar;

7. Talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b’sentenza datata 14 ta` Gunju, 2002, meta kien misjub hati ta` reat ta` serq, fost akkuzi ohra, u gie kkundannat tlett snin habs sospizi ghal erba` snin.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Fuq ammissjoni volontarja u kondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil dina l-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li rat ir-rieda tal-imputat illi huwa jsegwi programm issorveljat waqt li huwa ghadu l-habs, wara li tinnota illi din il-Qorti tista` ttih l-opportunita li huwa jsegwi dan l-istess programm u waqt li huwa qieghed isegwi sentenza ta` habs;

Wara li rat l-ammissjoni tieghu precedenti fis-seduta tas-26 ta` Ottubru, 2010 u wara li rat l-Artikoli 340 (d), 49, 50, 261, 118, 263 (a), 267, 278 (3), 279 (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qiedgha, fl-ahjar interessi tal-istess imputat, tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija bil-kondizzjoni li huwa jinghata l-opportunita` li jsegwi programm sabiex jikkura ruhu mill-vizzju tad-droga. Dan il-prigramm ghandu jkun supervised, fis-sens li dina l-Qorti tkun taf il-progress tieghu.

Din il-Qorti qiedgha tordna s-sospensjoni tal-licenzja tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` tmintax (18) –il xahar mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------